Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10557/21

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0250(COD)**

CODEC 1052
JAI 839
FRONT 282
ENFOPOL 275
CADREFIN 365
CT 104
PE 86

**NOTA TA' INFORMAZZJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | **ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW**<br>Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna<br>- Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew<br>(Strasburgu, mill-5 sat-8 ta' Lulju 2021) |

## I. VOT

Fis-6 ta' Lulju 2021, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjara li l-pożizzjoni tal-Kunsill[1] fl-ewwel qari ġiet approvata mingħajr emendi.

It-test tar-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew huwa anness ma' din in-nota.

[1] 6488/1/21 REV 1.

## II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi, l-att ikkonċernat jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294(7)(a) TFUE.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kunsill u s-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## P9_TA(2021)0324

## Il-Fond għas-Sigurtà Interna ***II

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2021 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna (06488/1/2021 – C9-0227/2021 – 2018/0250(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (06488/1/2021 – C9-0227/2021),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2018[2],

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari[3] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0472),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0221/2021),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

---

[2] ĠU C 62, 15.2.2019, p. 189.
[3] ĠU C 23, 21.1.2021, p. 451.

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.